MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 108/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Marija Dolores Bajada abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Marija Dolores Bajada [680050(M)]**

**Vs**

**Cedric Pisani u b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju, 2005 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta' Underwear Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ mija u disgha w erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm149.89c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut:

a. Fl-ewwel eccezzjoni qal illi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tieghu.

b. Fit-tieni eccezzjoni qal illi m’hemmx danni x’jigu llikwidati favur is-socjeta’ attrici.

c. Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut qal li m’hemmx lok ghall-kundanna ghall-hlas ta’ danni favur l-istess socjeta’ attrici.

Ra li s-socjeta’ kjamata fil-kawza naqset li tikkontesta l-kawza u gie pprezentat Kapitolu fil-konfront taghha. Il-Kapitolu gie approvat.

Ra li s-socjeta’ kjamata fil-kawza naqset li tidher ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Fir-*Road Accident Report* Keith Bajada qal:

“Il-vettura tieghi kienet ipparkjata f’San Gwann Industrial Estate fil-parking area tal-fabbrika Abanderado meta gejt infurmat li l-gate li minnha jdahhlu x-xoghol kienet giet maqlugha b’incident minn tail lift ta’ trakk BHQ 002 li kien qed ihott ix-xoghol.”

Il-konvenut bil-vettura BHQ 002 qal:

“Jiena kont fil-gabina tat-trakk BHQ 002 qed inhott ix-xoghol meta accidentalment il-gate li hemm ghal gol-fabbrika mxiet peress li ma kellhiex ebda lqugh biex ma timxix. Meta gejt biex intella’ t-tail lift din peress li strahet

fuqu nqalghet b'konsegwenza li din qabzet cint ta' madwar tlett filati u spiccat fuq vettura KIT 014."

Ra x-xhieda ta' Keith Bajada li kien qed isuq il-vettura t'ommu Maria Dolores Bajada

Jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jichad illi l-konvenut kien qed jopera fuq il-gate ta' l-Abanderado ghaliex l-istess gate mhix tieghu.

Jghid illi l-konvenut kien qallu li waqt li kien qed isuq it-trakk huwa gholla l-gate tal-fabbrika ta' l-Abanderado bit-tail lift u l-istess gate nqalghet minn mac-cappetti, qabzet cint u giet fuq il-vettura KIT 014.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li dakinhar ta' l-incident kien fuq xoghol ta' delivery. Bhala mpjegat mieghu kien hemm Charles Colombo.

Jispjega li huma pparkjaw it-trakk bit-tail sakemm fethu l-gate tal-kumpanija. Jikkonferma li t-tail jahdem bil-buttuni u mhux manwali. Jghid illi l-impjegat tas-socjeta' minfejn huma ghamlu d-delivery fethilhom il-gate u ghalhekk huma bdew johorgu l-palletts mit-trakk u jaghmluhom fuq it-tail. Meta kien hiereg l-ahhar pallet, il-gate nghalqet u habtet mat-tail lift. Jghid illi ghalhekk l-istess gate gholliet mic-cappetti u qabzet ic-cint u giet fuq il-karozza li kienet ipparkjata mat-triq.

Il-konvenut jghid ukoll illi l-gate ma kellhiex mod kif tinghalaq jew tibqa' miftuha, ma kienx hemm firoll ma' l-art jew xi sistema ohra. Il-konvenut qal illi l-gate tinfetah f'zewg partijiet ghax hemm firoll fin-nofs.

Jikkonferma li l-vettura KIT 014 kienet fit-triq u mhux fil-parking area. Dak il-hin li gara l-incident il-konvenut kien wahdu.

Ra x-xhieda ta' Charles Colombo fejn jikkonferma li l-incident ma rahx. Jghid illi wara li nizzlu l-pallet ghal fuq il-loading, hu uza palletizer sabiex jiehu x-xoghol gol-

fabbrika. Jikkonferma wkoll illi s-sid tal-post kien mar u fetah il-gate.

**Ikkunsidra**

Illi skond Pisani, kien impjegat tal-fabbrika (impjegat tal-kjamat fil-kawza) li fetah il-gate tal-fabbrika. Illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra jekk kienx hemm xi negligenza da parti tal-konvenut jew tal-kjamat fil-kawza. Il-kjamat fil-kawza ma setax jipprevedi li jekk m'hemmx mod kif tinghalaq il-gate, din il-gate se tinghalaq waqt li xi hadd qieghed jahdem bil-forklifter ezatt hemm. Il-konvenut Pisani kellu jassigura li qabel ma jaghfas il-buttuna sabiex itella' t-tail lift li ma jkunx hemm xi mod li jista' jaghmel hsara. Jekk hares lejn il-forklift qabel m'ghafas il-buttuna kien jinduna li hemm il-gate vicin jew fuqu. Jekk il-gate nghalqet waqt li kien qed itella' kellu jwaqqaf il-forklift. Kien Pisani li kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant, jichad it-talba fil-konfront ta' Underwear Limited bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Cedric Pisani u jikkundanna lill-istess Cedric Pisani sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija u disgha w erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm149.89c) bl-ispejjez u bl-imghax mill-25 ta' Jannar, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------